part of the block of five apartments (including the apartment in question) and which apartment is situated on the right when one looks towards the building from the said street, on the first level underlying and overlying third party property, with an internal area of circa ninety one square metre (91m2) (excluding the walls and the yards/terraces), subject to the servitude of pipes in the internal yard and other yards as resulting from and inherited from its position, with the right of services on the roof and right of access in case of damage and maintanence and is subject to the annual and temporary groundrent (Joint Office) of forty five euro cent (€0.45) part of a larger annual and perpetual groundrent of one euro and forty cent (€1.40) for the remaining period from one hundred and fifty (150) years which commenced from the thirtieth September of the year nineteen hundred and twenty one (30.9.1921), otherwise free and unencumbered, with guaranteed vacant possession, including the use of the common areas together with the other owners of the same block, as indicated in the acts of Notary Doctor Bartolomeo Micallef dated twenty fourth September of the year two thousand and twenty (24.9.2020) and is valued at one hundred and seventy five thousand euro (€175,000).

The said tenement is the property of Grech Patrick (ID 149872M) and Attard Helen (ID 345373M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 36/2022.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 23rd March, 2023

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

712

INTERDIZZJONI ĠENERALI GĦAL ŻMIEN GĦAXAR SNIN

Ikun jaf kulħadd illi b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) - (Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.) fl-20 ta' Marzu, 2023, Appell Numru 439/2018, fl-appell fl-ismijiet:

Il-Pulizija

(Spettur Bernard Charles Spiteri)

kontra

Nathaniel Agius, ta' 29 sena, iben Joseph u Maria Assunta née Bajada, imwieled Rabat, Għawdex fil-15 ta' Ġunju, 1993, residenti f'38, Triq il-Manwala, Xewkija, Għawdex u detentur tal-Karta tal-Identità Maltija bin-numru 24293(G).

GENERAL INTERDICTION FOR TEN YEARS

It is being notified that by virtue of judgement dated 20th March, 2023, given by the Court of Criminal Appeal (Inferior Jurisdiction) - (Hon. Justice Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.), Appeal Number 439/2018, in appeal in names:

The Police

(Inspector Bernard Charles Spiteri)

versus

Nathaniel Agius, 29 years, son of Joseph and Maria Assunta née Bajada, born in Victoria, Gozo on the 15th June, 1993, residing at number 38, Triq il-Manwala, Xewkija, Gozo and holder of Maltese Identity Card bearing number 24293(G).

Il-Qorti ordnat l-interdizzjoni b'mod ġenerali għal żmien għaxar snin fil-konfront tal-imsemmi Nathaniel Agius mid-data ta' din is-sentenza u dan ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-pubblikazzjoni qed issir skont l-Artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum, 20 ta' Marzu, 2023

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

The Court ordered the general interdiction for ten years starting from date of said judgement of the said Nathaniel Agius and this according to Section 109 of Chapter 9 of the Laws of Malta.

This publication is being made in accordance with section 10(7) of Chapter 9 of the Laws of Malta.

Today, 20th March, 2023

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar Gozo Courts and Tribunals

713

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Settembru 2022 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1298/2022, fl-ismijiet l-Awtorità tad-Djar vs Giancarlo Carano et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 4 ta' April 2022

Lil Giancarlo Carano (KI 34408A) – Southend, Block B, Flat 5, Triq tal-Gidwet, Marsaskala.

Elaine Carano (KI 199680M) – Southend, Block B, Flat 5, Triq il-Gidwet, Marsaskala.

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tad-Djar ta' 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, tirreferi għall-Southend, Block B, Flat 5, Triq tal-Gidwet, Marsaskala, proprjetà amministrata mill-mittenti.

L-Awtorità tad-Djar qiegħda b'din l-ittra tinterpellakom biex ai termini tal-artikolu, 9(a)(c)(d) u l-artikoli sussegwenti tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta – Att Dwar l-Artijiet tal-Gvern – intom tiżgombraw minn Southend, Block B, Flat 5, Triq tal-Gidwet, Marsaskala fi żmien 30 ġurnata minn notifika ta' din l-ittra uffiċjali u dan għax:

Bqajtu tokkupaw il-fond mingħajr titolu validu fil-liġi u dan wara li l-Awtorità itterminat il-kirja permezz ta' ittra datata 18 ta' Novembru 2021;

Bqajtu tokkupaw il-fond wara li ġiet terminata l-kirja fuq il-fond surreferit;

Mingħajr preġudizzju għas-suespost intom inqastu milli tħallsu l-kera dovuta minnkom lill-Awtorità tad-Djar

By means of a decree of the 13th September 2022 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1298/2022, in the names Housing Authority vs Giancarlo Carano et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 4th April 2022

To Giancarlo Carano (ID 34408A) of Southend, Block B, Flat 5, Triq il-Gidwet, Marsaskala.

Elaine Carano (ID 199680M) of Southend, Block B, Flat 5, Triq il-Gidwet, Marsaskala.

By the present Housing Authority of 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, refers you to Southend, Block B, Flat 5, Triq il-Gidwet, Marsaskala, property administered by the interpellant.

The Housing Authority by means of this letter is soliciting you in terms of Article 9(a),(c), (d) and the subsequent articles of Chapter 573 of the Laws of Malta – Government Lands Act – so that you evict from Southend, Blcok B, flat 5, Triq tal-Gidwet, Marsaskala within 30 days from the notification of this judicial letter, and this because:

You remained in occupation of the premises without any valid title at law and this after the Authority terminated the lease by means of a judicial letter dated 18th November 2021;

You remained in occupation of the premises after the lease of the above mentioned premises was terminated;

Without prejudice to the above you failed to pay the rent due by you to the Housing Authority from the 8th February

mit-8 ta' Frar 2015 sad-data tat-terminazzjoni tal-kera u dan minkejja li ġejtu interpellati diversi drabi sabiex tirregolarizzaw ruħkom.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat ai termini tal-artikolu 9 u artikoli sussegwenti tal-Kap 573 tal-Liġijiet ta' Malta – Att Dwar l-Artijiet tal-Gvern.

Tant sabiex tagħrfu timxu.

Bl-ispejjeż u bl-interessi.

Registru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 24 ta' Marzu 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

2015 till the date of termination of the lease and this although you were solicited several times to regulate yourselves.

This judicial letter is being sent in terms of Article 9 and subsequent articles of Chapter 573 of the Laws of Malta – Government Lands Act.

So much so that you know how to proceed.

With costs and interest.

Registry of the Superior Courts today 24th March 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

714

Permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Novembru 2022, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Anthony Calleja vs Daniel Farrugia et Rikors Nru 807/2022JM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Daniel Farrugia u Darani Investments a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Anthony Calleja (KI 209054M) vs Daniel Farrugia (KI 557879M) u Darani Investments (C51206) ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-6 ta' Ottubru 2022, ir-rikorrenti Antony Calleja (KI 209054M) talab lil dan il-Bord sabiex:

1. Jilqa' t-talba sabiex dan ir-rikors jiġi trattat bi proċedura sommarja u mingħajr ma' jgħaddi għas-smigħ tal-kawża a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jiddikjara mitmuma l-kirja tal-fond numru 118, Monnid, Baskal Buhagiar Street, Mosta bejn il-partijiet stante l-inadempjenza tal-konvenut illi jonora l-obbliġi kuntrattwali tiegħu;

3. Jiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom debitur/i tal-attur fis-somma komplessiva ta' €2400.59 kwantu għall-ħlas penali €750, €1450.59 għall-kontijiet ta' konsum ta' elettriku u ilma u €200 għall-ħsarat;

4. Jordna lil konvenuti jew minn minnhom iħallsu s-somma komplessiva ta' €2400.59 kwantu €750, €1450.59 għall-kontijiet ta' konsum ta' elettriku u ilma u €200 għall-ħsarat kif intqal fuq.

By means of a decree of the 29th November 2022 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Anthony Calleja vs Daniel Farrugia et, Application Number 807/2022JM, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondents Daniel Farrugia and Darani Investments in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of an application in the names Anthony Calleja (ID 209054M) vs Daniel Farrugia (ID 557879M) and Darani Investments (C51206) filed before the Rent Regulation Board, on the 6th October 2022 the applicant Anthony Calleja (ID 209054M) requested with respect so that this Board:

1. Upholds the request so that this application is heard summarily and without proceeding to trial in terms of Article 16A of Chapter 69 of the Laws of Malta;

2. Declare the lease between the parties terminated due to the default of the respondent to honour his contractual obligations;

3. Declare that the respondents or any one of them are debtor/s of the applicant in the total amount of €2400.59 as for the amount of €750 payment of penalties, as for the amount of €1450.59 water and electricity bills and as for €200 as damages;

4. Order the respondents or any one of them to pay the total amount of €2400.59 as for the amount of €750 payment of penalties, as for the amount of €1450.59 water and electricity bills and as for €200 as damages as above mentioned.

Salv kull ordni u provvediment ieħor illi l-Bord jidhirlu xieraq u opportun.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt għas-subizzjoni.

Rikorrent: 114, Santa Maria, Triq Baskal Buhagiar, Mosta.

Intimat: Daniel Farrugia 25, Triq Castro Naxxar.

Darani Investments – Metalfit Building, Attard Industrial Estate

Ir-rikors fl-ismijiet Anthony Calleja vs Daniel Farrugia et, rikors numru 807/2022JM jinsab differit għat-12 ta' April 2023 fl-10.30a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Marzu 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Saving any other order or directions that this Board deems fit and opportune;

With costs and legal interest from the date of effective payment against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 114, Santa Maria, Triq Baskal Buhagiar, Mosta.

respondents: Daniel Farrugia 25, Triq Castro Naxxar.

Darani Investments – Metalfit Building, Attard Industrial Estate.

The application in the names Anthony Calleja vs Daniel Farrugia et Application Number 807/2022JM has been postponed for hearing to the 12th April 2023 at 10.30a.m.

Registry of the Superior Courts, today 24th March 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

715

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Marzu 2023, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Felexia Tabone vs Elton John Debono Rikors Nru 15/2023AL, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Elton John Debono a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

Permezz ta' rikors guramentat numru 15/2023AL fl-ismijiet Felexia Tabone (KI 112683M) vs Elton John Debono (KI 418378M), ppreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fit-23 ta' Jannar 2023, ir-rikorrenti Felexia Tabone talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri – omissis – lkoll residenti mal-esponenti tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi u tiffissa ġranet u ħinijiet li fihom il-konvenut għandu jeżerċita aċċess fil-konfront tal-minuri taħt il-kundizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi, tenut kont l-età tagħhom;

2. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri – omissis – tiġi fdata lill-komparenti partijiet b'mod kongunt u tiffissa ġranet u ħinijiet li fihom l-esponenti għandha tezercitaspejjeżu sleepovers fil-konfront talminuri bint taħt il-kundizzjonijiet li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.

3. Tordna illi kull beneficcju u/jew għajnuna soċjali li tkun talvolta pagabbli lill-minuri -omissis – tingħata unikament lir-rikorrenti;

By means of a decree of the 14th March 2023 of the Civil Court (Family Section), in the records of the Application in the names Felexia Tabone vs Elton John Debono, Application Number 15/2023AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Elton John Debono in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12)

By means of sworn application number 15/2023AL in the names Felexia Tabone (ID 112683M) vs Elton John Debono (ID 418378M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 23rd January 2023, the applicant Felexia Tabone (ID 112683M) requested this Honourable Court to:

1. Order that the care and custody of the minors – omissis – all residing with the applicant be entrusted exclusively to the applicant and fix a date and time in which the respondent must exercise access to the minors under the conditions that this Honourable Court impose, taking into account their age;

2. Order that the care and custody of the minor – omissis – be entrusted to the parties jointly and fix a date and time in which the applicant must exercise access and sleep overs in relation to the minor daughter under those conditions that this Honourable Court impose;

3. Order that any benefit and/or social assistance that is payable to the minors – omissis – is given solely to the applicant;

4. Tiffissa retta alimentarja li għandha titħallas lill-omm odjerna rikorrenti mill-mintimat għal bzonnijiet tal-minuri ulied residenti magħha, liema ammont jiġi rivedut billi jogħla perjodikament skont l-għoli tal-ħajja pagabbli permezz ta' standing order kull l-aħħar jum ta' kull xahar;

5. Tiffissa somma għal kura medika u edukazzjoni tal-minuri ulied residenti magħha, b'dawk il-modalitajiet inkluż il-frekwenza u post fejn isir il-ħlas, li jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti;

6. Tillikwida l-arretrati kollha dovuti lill-esponenti rapprezenanti manteniment u spejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u extra-kurrikulari mhux imħallsa mill-intimat għall-minuri wlied residenti mal-esponenti;

7. Tordna lill-intimat sabiex iħallas somma ta' manteniment pendent lite u somma għal kura medika, edukazzjoni u extra kurrikulari għal minuri – omissi u dan skont kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti;

8. Takkorda aċċess u sleepovers lill-esponenti versus l-minuri bint – omissis – residenti mal-intimat.

Salv kull provediment ieħor li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun, fl-aħjar interess tal-minuri wlied.

Bl-ispejjeż u bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Attriċi: 124, Love of God, Triq Ħal Luqa, Ħal Tarxien.

Konvenut: Etoile Block B M3, Triq Andre Debono, Naxxar.

Ir-rikors fl-ismijiet Felexia Tabono vs Elton John Debono, rikors numru 15/2023AL jinsab differita għall-20 ta' April 2023 fid-9.15a.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni Familja), illum 24 ta' Marzu 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

4. Fixes the maintenace to be paid to the said mother by the respondent for the needs of the minors residing with her, which amount is reviewed periodically according to the rise in the cost of living payable by standing order every last day of the month.

5. Fix a sum for medical treatment and education of the minor children residing with her, with those modalities including the frequency and place where the payment is made, which are fixed by this Honourable Court;

6. Liquidate all arrears due to the applicant representing maintenance and health, education and extra-curricular expenses not paid by the respondent for the minor children residing with the applicant;

7. Order the respondent to pay a sum of maintenance pendente lite and a sum for medical, education and extra-curricular for minors – omissis and this according to what this Honourable Court deems appropriate;

8. Agree access and sleepovers to the applicant regarding the minor daughter – omissis – residing with the respondent.

Saving any other provision that this Honourable Court deems fit and opportune, in the best interest of the minor children.

With costs and from now the respondent is summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 124, Love of God, Triq Ħal Luqa, Ħal Tarxien.

Respondent: Etoile Block B M3, Triq Andre Debono, Naxxar.

The Application in the names Felexia Tabone vs Elton John Debono Application Number 15/2023AL has been postponed for hearing to the 20th April 2023 at 9.15a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 24th March 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

716

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Frar 2023, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Pierre Jean Borg et vs Louis Darmanin Rikors Nru 899/2022JM, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Louis Darmanin a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

By means of a decree of the 21st February 2023 of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Pierre Jean Borg et vs Louis Darmanin, Application Number 899/2022JM, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Louis Darmanin in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Pierre Jean Borg (KI 145364M), Dr Maria Dolores sive Doreen Cassar (KI 302159M) f'isimhom personali u kif ukoll in rappreżentanza ta' ħuhom Dr Anton Borg (KI 300760M), Rosita Sammut (KI 492167M), Roberta Blanco (KI 82670M) u Dr Tanya Sammut (KI 93873M) vs Louis Darmanin (KI 0514756M), ppreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-16 ta' Novembru 2022, ir-rikorrenti Pierre Jean Borg et talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Jiddikjara li l-intimat huwa l-inkwilina tal-fond 36, Triq il-Bieqja, Birzebbugia, liema kirja hija protetta mid-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jordna t-twettieq tat-test tal-mezzi skont il-liġi;

3. F'kaz li l-inkwilin ma' jissodisfax il-kriterji tad-dħul tat-test tal-mezzi jordna li l-fond jiġi vakat fi żmien sentejn u jiddetermina l-kumpens dovut tul dan il-perjodu ai termini tal-artikolu 4A(4) tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. F'kaz li l-inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi li jirrevedi l-kirja għall-ammont li ma' jeccedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond u dan ai termini tal-artikolu 4 u 4A tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini, Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rikorrenti: 68, St Andrew's Street, Luqa.

Notifika: Louis Darmanin – 36, Triq il-Bieqja, Birżebbuġa.

Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Pierre Jean Borg et vs Louis Darmanin, rikors numru 899/2022JM jinsab differit għat-12 ta' April 2023 fil-11.50a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Marzu 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application in the names Pierre Jean Borg (ID 145364M), Dr Maria Dolores sive Doreen Cassar (ID 302159M) in their own capacity and for and on behalf of their brother Dr Anton Borg (ID 300760M), Rosita Sammut (Id 492167M), Roberta Blanco (ID 82670M) and Dr Tanya Sammut (ID 93873M) vs Louis Darmanin (ID 0514756M), filed in the Rent Regulation Board, on the 16th November 2022, the applicant Pierre Jean Borg et requested this Honourable Board why it should not:

1. Declare that the respondent is the lessee of the premises 36, Triq il-Bieqja, Birzebbugia, which lease is protected in terms of the provisions of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance Chapter 69 of the Laws of Malta.

2. Order the means test according to law.

3. In the event that the lessee does not satisfy the criteria of the income of the means test order that the premises be vacated within two years and determine a compensation due during this period in terms of Article 4A(4) of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance, Chapter 69 of the Laws of Malta.

4. In the event that the lessee satisfies the criteria of the means test, the rent shall be revised to an amount not exceeding 2% per year of the free and unencumbered open market value and this in terms of Article 4 and 4A of the Reletting of Urban Property (Regulation) Ordinance, Chapter 69 of the Laws of Malta.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

Applicant: 68, St Andrew's Street, Luqa.

Notification: Louis Darmanin – 36, Triq il-Bieqja, Birżebbuġa.

Housing Authority

The application in the names Pierre Jean Borg et vs Louis Darmanin, Application Number 899/2022JM has been postponed for hearing to the 12th April 2023 at 11.50a.m.

Registry of the Superior Courts, today 24th March 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

717

Permezz ta' digriet mogħti fil-Bord li Jirregola l-Kera fis-6 ta' Jannar 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4793/2022, fl-ismijiet Chev Hadrien Majoie vs Gilead Raphael Wiseburgh, ordna is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-

By means of a decree of the 6th January 2023 in the Rent Regulation Board in the records of the judicial letter number 4793/2022 in the names Chev Hadrien Majoie vs Gilead Raphael Wiseburgh, ordered the following publication for

konfront tal-intimat Gilead Raphael Wiseburgh a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum, 11 ta' Novembru, 2022

Lil: Gilead Raphael Wiseburgh ta' Apartamenti bin-numri 1801 u 1901, East 3, Fort Cambridge, Triq Tignè, Sliema.

Permezz tal-preżenti, il-mittenti Chev. Hadrien Majoie (KI 0083047A) ta' No 42, Flat 4, Triq Stella Maris, Sliema rappreżentat mill-mandatarju speċjali Manuel Debono (KI 539874M) jagħmel referenza għall-kuntratt ta' lokazzjoni datat 7 ta' Jannar 2021 iffirmat minnek fil-kwalità tiegħek ta' inkwilin u da parti tal-mittenti fil-kwalità tiegħu ta' sid il-kera, rigwardanti l-kiri lilek tal-appartamenti internament konnessi bin-numru 1801 u 1901 East 3, Fort Cambridge, Triq Tignè, Sliema.

Illi inti inadempjenti fl-obbligu tiegħek billi ma ħallastx il-kera dovut minnek mingħajr ebda raġuni valida skont il-liġi għax-xhur ta' Settembru u Ottubru 2022 li tammonta għal €3,000 għal kull xahar u li waqgħet fil-31 ta' Ottubru 2022. Illi b'hekk, permezz ta' din l-ittra, inti qed tiġi intimat ai termini tal-Artikolu 1570 tal-Kodiċi Ċivili sabiex f'temp ta' 15-il gurnata min-notifika ta' din l-ittra inti tħallas l-ammont globali ta' €6,000.

B'hekk permezz ta' din l-ittra uffiċjali inti qed tiġi notifikat sabiex, fl-istanza li wara l-iskadenza tal-15-il gurnata surreferita, u jekk il-mittent ma' jirċevix l-ammont douvut, tiżgombra l-fond mikri lilek immedjatament. Finnuqqas il-mittent ser jipproċedi ulterjorment kontrik skont il-liġi u dan mingħajr ebda pre-avviż, sabiex jitlob il-ħlas tal-kera mhux imħallsa, l-izgumbrament tiegħek fi żmien qasir u perentorju, danni, kif ukoll l-awtorizzazzjoni biex jerġa' jieħu taħt idejh il-fond fuq imsemmi.

Bil-preżenti ittra uffiċjali, il-mittent qiegħed jinterpellak sabiex fi żmien ħmistax-il gurnata (15) min-notifika ta' dan l-att inti tħallas l-ammont dovut flimkien mal-imgħax legali u spejjeż relatati ai termini tal-Artikolu 1531D(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din l-ittra uffiċjali qiegħda tintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi inkluża l-interuzzjoni ta' kull terminu ta' preskrizzjoni skont il-provvedimenti tal-Artikolu 2128 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf timxi u tevita spejjeż ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

the purpose of service on the respondent Gilead Raphael Wiseburgh in terms of Article 187(3) et seq of Chapter 12.

In the Rent Regulation Board

Today 11th November 2022

To Gilead Raphael Wiseburgh of Apartments with numbers 1801 and 1901, East 3, Fort Cambridge, Triq Tignè, Sliema.

By means of this present, the interpellant Chev. Hadrien Majoie (ID 0083047A) of No 42, Flat 3, Triq Stella Maris, Sliema, represented b the special mandatory Manuel Debono (ID 539874M) makes reference to the lease agreement dated 7th January 2021 signed by you in your capacity as lessee and on the other part by the interpellant in his capacity as the lessor, regarding the lease to you of the apartment internally connected with number 1801 and 1901 East 3, Fort Cambridge, Triq Tigne, Sliema.

You are in default in your obligations to pay the rent due by you without any valid reason according to law for the months of September and October 2022 which amount to €3000 for each month and that fell due on the 31st October 2022. Thus, by means of this letter, you are being solicited so that in terms of Article 1570 of the Civil Code within 15 days from the notification of this letter you pay the amount of €6000.

By means of this judicial letter you are being notified so that in the event that after the 15 days above mentioned, the interpellant does not receive the amount due, you immediately vacate the premises leased to you. In default, the interpellant will proceed further against you according to law, and this without further notice, so that he requests the amount of rent due to him, your eviction within a short and peremptory time, damages and also the authorisation to resumè possession of the premises mentioned.

By means of this judicial letter, the interpellant is soliciting you so that within 15 days from the notification of this act you pay the amount due together with legal interest and related costs in terms of Article 1531D(2) of Chapter 16 of the Laws of Malta.

This judicial letter is being sent to you for all the effects and purposes of law including the interuption of any prescription according to provision of Article 2128 of Chapter 16 of the Laws of Malta.

So much so that you how to proceed and avoid useless costs.

With costs.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Marzu 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts today 24th March 2022.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

718

Permezz ta' digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Mejju 2021, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4055/2020, fl-ismijiet Reuben Bonnici noe vs Antonia sive Antoinette Grech et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Antonia sive Antoinette Grech a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

By means of a decree of the 10th May 2021 handed down by the First Hall of the Civil Court in the records of the judicial letter number 4055/2020 in the names Reuben Bonnici noe vs Antonia sive Antoinette Grech et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Antonia sive Antoinette Grech in terms of Article 187(3) et seq of Chapter 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

In the First Hall of the Civil Court

Illum 25 ta' Novembru 2020

Today 25th November 2020

Lil Antonia sive Antoinette Grech (KI 430743M) ta' Sylville, Triq Valletta, Mosta, MST 9013 u

To Antonia sive Antoinette Grech (ID 430743M) of Sylville, Triq Valletta, Mosta, MST 9013.

Eucharist Bajada

Eucharist Bajada

Permezz tal-preżenti Reuben Bonnici (KI 338471M) għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Automated Revenue Management Services Limited (C46054) ta' Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, Malta f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed jinnotifikawk bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A, għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed jinterpellawk sabiex tħallas is-somma ta' €15,154.38 liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku, jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien ma' imgħax dovut fuq l-Ammont skont il-Liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 411000045587 ossia dwar il-fond bl-indirizz Sylville, Triq Valletta, Mosta.

By the present, Reuben Bonnici (ID 448471M) for and on behalf of the company Automated Revenue Management Services Limited (C 46054) of Gattard House, National Road, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A, for all the purposes and effects of Article 466 of Chapter 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €15,154.38 which amount is sure, liquid and due and respresenting the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meters, administrative costs connection and disconnection fees and/or any other payment according to the electricity supply regulations or water supply regulations together with interest due on the amount according to Law regarding the utility bill number 411000045587 regarding the premises Sylville, Triq Valletta, Mosta.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-gurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Di piu ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the Amount due.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni da parti tiegħek fit-termini tal- imsemmi Artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddi biex tezegwixxi dan il-kreditu skont il-Liġi.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Chapter 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

Bl-ispejjeż

With costs.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Marzu 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts today 24th March 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

719

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Novembru 2022, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1809/2022, fl-ismijiet United Acceptances Finance Limited vs Domenic Benjamin Leonard Peter, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Domenic Benjamin Leonard Peter a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Domenic Benjamin Leonard Peter (KI 216893M) ta' 38, Ta' Kelin Crt, Blk B, Fl 12, Triq Pietru Xuereb, Pieta, fil-15 ta' Lulju 2022, United Acceptances Finance Ltd (C 360) ta' Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda, tirreferi għal disgħa u għoxrin (29) kambjala mill-kont bin-numru 0306320303, minnek debitament iffirmati u aċċettati, liema kambjali skadew iżda għadhom ma ħallsux, kopji ta' liema kambjali qed jiġu hawn annessi u mmarkati bin-numri 6 sa 40.

Il-mittenti qiegħda tinterpellak sabiex fi żmien jumejn ħallas is-somma ta' €6,032 import tal-kambjali fuq imsemmija, kif ukoll l-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Fin-nuqqas ta' pagament is-soċjetà mittenti qed tinfurmak illi ser tipproċedi ulterjorment kontra tiegħek skont il-liġi mingħajr pre-avviż ieħor.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek u tevita spejjeż ulterjuri.

Int avzat li għandek id-dritt li topponi għall-esekuzzjoni ta' dawn il-kambjali permezz ta' rikors li għandu jsir fi żmien għoxrin jum minn notifika ta' dan l-att ġudizzjarju u dan ai termini tal-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-att ġudizzjarju qed isir sabiex irendi l-imsemmija kambjali eżegwibli ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 24 ta' Marzu 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 3rd November 2022, in the records of the judicial letter number 1809/2022, in the names United Acceptances Finance Ltd vs Domenic Benjamin Leonard Peter, the Court of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Domenic Benjamin Leonard Peter in terms of Article 187(3) et seq of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Domenic Benjamin Leonard Peter (ID 216893M) of 38, Ta' Kelin Crt, Blk B, Fl 12, Triq Pietru Xuereb, Pieta, on the 15th July 2022, United Acceptances Finance Ltd (C360) of Mizzi House, National Road, Blata l-Bajda, refers to twenty nine (29) bills of exchange from the account number 0306320303 signed and accepted by you, which bills of exchange lapsed but were not paid for, copies of this bill of exchange are annexed and marked numbers 6 to 40.

The interpellant calls upon so that within two days you pay the sum of €6,032 value of bills of exchange above mentioned, besides legal interest from the date due till the effective payment.

In default of payment the interpellant company informs you that they shall proceed against you without any other notice according to law.

So much so that you may know how to regulate yourself.

You are warned that you have the right to oppose the execution of these bills of exchange by means of an application that has to be done within twenty days from the service of this judicial act and this in terms of Article 253 Chapter 12 of the Laws of Malta.

This judicial act is being made to render executable the bills of exchange in terms of Article 256(2) of Chapter 12 of the Laws of Malta.

With costs.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th March 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

720

Permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Jannar 2023 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2734/2022, fl-ismijiet Gaetano Abdilla et vs Tonio Ciantar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 24 ta' Ġunju 2022

Lil Tonio Ciantar 23, Aquarius, Triq Peter Paul Rubens Attard

Permezz tal-preżenti Gaetano Abdilla (ID. 255(M)) u martu Mary Abdilla (ID. 1057(M)) ta' "Margate", Triq il-Kuċċard, Safi jirriferuk għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 26 ta' Settembru 2003 fl-atti tan-Nutar Patrick Criitien fejn inti ikkostitwejt ruħek veru, ċert u likwidu debitur tal-mittenti fis-somma ta' Lm38,000 ekwivalenti għal €88,516.18.

Peress illi bl-imgħax skont dak il-kuntratt l-ammont illum dovut huwa ta' €147,100 inti qed tiġi interpellat tħallas din is-somma fi żmien jumejn.

Apparti minn hekk kun af ukoll illi dan il-kuntratt qiegħed jiġi reż eżegwibbli skont l-artikolu 256 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas ser jittieħdu kontra tiegħek il-proċeduri ulterjuri skont il-liġi.

Registru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 24 ta' Marzu 2023

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 20th January 2023 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 2734/2022, in the names Gaetano Abela et vs Tonio Ciantar, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 24th June 2022

To Tonio Ciantar of 23, Aquarius, Triq Peter Paul Rubens, Attard.

By the present Gaetano Abdilla (ID 255M) and his wife Mary Abdilla (ID 1057M) of Margate, Triq il-Kuċċard, Safi, refer to the constitution of debt deed dated 26th September 2003 in the records of Notary Patrick Critien where you constituted yourself as a certain, true and liquid debtor of the interpellants for the amount of Lm38,000 equivalent to €88,516.18.

The interest due in accordance with that contract is of €147,100 and thus you are solicited so that within two days you pay this amount.

In addition, you are informed that this deed is being rendered executable according to Article 256 of Chapter 12 of the Laws of Malta.

In default further proceedigns will be taken against you according to law.

Registry of the Superior Courts today 24th March 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

721

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Frar 2023, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5254/22, fl-ismijiet Conrad Galea vs Kirsten Bugeja, il-Bord li Jirregola l-Kera ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Kirsten Bugeja a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum 15 ta' Diċembru 2022

Lil Kirsten Bugeja (KI 0154291M) ta' 122 Alcasons, Block B, Flat 6, Triq id-Dejma, Ħal Tarxien.

Permezz tal-preżenti Conrad Galea (KI 17784M) ta' Rostico House, Triq Dun Gorg Fenech, Qormi, jinterpellak

By means of a decree given on the 23rd February 2023, in the records of the judicial letter number 5254/2022, in the names Conrad Galea vs Kirsten Bugeja, the Rent Regulation Board ordered the following publication in terms of Article 187(3) of Chapter 12 for the purpose of effecting service on the respondent Kirsten Bugeja.

In the Rent Regulation Board

Today 15th December 2022

To Kirsten Bugeja (ID 0154291M) of 122, Alcasons, Block B, Flat 6, Triq id-Dejma, Ħal Tarxien.

By means of this present Conrad Galea (ID 17784M) of Rostico House, Triq Dun Gorg Fenech, Qormi solicits you so

sabiex, fi żmien ħmistax-il jum min-notifika ta' din l-ittra gudizzjarja, tħallsu l-arretrati kollha tal-kera, rigwardanti l-fond mikri lilek minnu ossia tal-appartament Flat 6, Block B, 122, Alcasons, Triq id-Dejma, Ħal Tarxien fis-somma ta' €9,600 liema arretrati huma dovuti għal perjodu bejn l-1 ta Jannar 2021 u l-aħħar ta' Diċembru 2022.

F'kaz li inti ma' tħallasx l-arretrati tal-kera minnek dovuti fit-terminu lilek koncess u tonqos li tirritorna l-imsemmi fond lill-mittenti, il-mittenti sejjer jipproċedi kontrik bil-proceduri ġudizzarji sommarji opportuni sabiex jittermina l-kuntratt ta' kera, jiżgumbrak mill-fond imsemmi u jitlob li tiġi kundannata tħallas il-kera dovuta, u dan mingħajr pre-avviż ieħor.

Tant sabiex tagħraf timxi u tevita proceduri u spejjeż bla bzonn.

B'riserva ta' kwalsiasi azzjoni oħra spettanti lill-mittenti, inkluza dik għal ġbir ta' kull ammont ieħor li jista' jkun dovut sal-gurnata tal-effettiv rilaxx tal-fond lill-mittenti.

Registru tal-Qrati Superjuri illum 24 ta' Marzu 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

that within fifteen days from the notification of this judicial letter, you pay all the rent arrears in relation to the premises leased to you by the interpellant that is the apartment Flat 6, Block B, 122, Alcasons, Triq id-Dejma, Ħal Tarxien in the amount of €9,600 which arrears are due between the period of the1st January 2021 till the end of December 2022.

If you fail to pay the rent arrears due by you within the time given and fail to return the said premises to the interpellant, the interpellant shall proceed against you with the opportune summary judicial proceedings to terminate the lease agreement, and evict you from the said premises and request that you are ordered to pay the rent due and this without further notice.

So much so that you may know how to proceed and avoid useless costs and proceedings.

With due reservation to any other action by the interpellant, including the collection of any other amount that may be due till the date of the effective release of the premises to the interpellant.

Registry of the Superior Courts today 24th March 2023.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

722

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fid-09 ta' Marzu 2023, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat Nru 1090/2022JVC, li ġie ppreżentat fl-14 ta' Novembru 2022, fl-ismijiet: Borg Olivier Anton pro et noe et Vs Pullicino Pietru ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq. tal-Kap 12 biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-intimat iħallas id-danni hekk likwidati. Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat, inġunti minn issa għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmi hawn fuq huwa differit 25 ta' Mejju 2023 fid-9.10a.m.

Notifika Intimat: Pullicino Pietru, Peter Farmhouse, Triq Santa Klara, Baħar iċ-Ċagħaq, L/O Naxxar/Għargħur.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 27 ta' Marzu 2023.

CARMEL ABELA. M.SC. IN MANAGEMENT. D.P.A; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree issued by the Civil Court, First Hall, on 09th March 2023, in the acts of Sworn Application No. 1090/2022JVC, which was presented on 14th November 2022, in the names: Borg Olivier Anton pro et noe et Vs Pullicino Pietru the following publication was ordered, pursuant to Article 187(3) et seq. of Chapter 12 to serve as a notification against the respondent. The applicant asked this Honorable Court to, among others: Condemn the respondent to pay the liquidated damages. With all costs against the respondent, who is now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 25th May 2023 at 9.10a.m.

Notification Respondent: Pullicino Pietru, Peter Farmhouse, Triq Santa Klara, Baħar iċ-Ċagħaq, L/O Naxxar/Għargħur.

Register of the Superior Courts, today, 27th March 2023.

CARMEL ABELA. M.Sc. IN MANAGEMENT. D.P.A.; DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*